# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Mejju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**vs**
**Oliver Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Oliver Schembri ta' 35 sena iben Peter u Tessie nee' Aquilina imwieled Pieta' fi 01 ta' Marzu, 1980, residenti 4, Waterloo Flat 4, St Edward Street, Qormi, Malta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 141180M;

Akkuzat talli nhar is-16 ta' Awwissu, 2015, ghall-habta tal-16:00hrs u/jew fis-sighat ta' qabel gewwa l-Mdina, Malta, waqt li kien qed isuq il-karozzin bin-numru tar-registrazzjoni 107, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jocelyne Louise Johnson, ta' nazzjonalita' ingliza skond ma ccertifika Dr Dalli Badjabi M.D. numru tar-registrazzjoni mediku 3358.

Kif ukoll talli fl-sitess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq karozzin bin-numru tar-registrazzjoni 107 b'manjiera traskurata u perikoluza kif ukoll b'velocita' eccessiva.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kas ta' htija, tinfliggi il-piena stabbilita' skond il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti tal-kucciera fil-konfront ta' Oliver Schembri ghal dak il-perijodu ta' zmien li din il-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar is-16 ta' Awissu 2016 fi Triq San Pietru l-Mdina meta l-imputat kien qed isuq il-karozzin tieghu u laqghat lil certa Jocelyne Johnson li kienet qeghda fuq btala hawn Malta.

Illi mid-depozizzjoni ta' l-imsemmija Johnson, flimkien ma' xi hbieb taghha, kienu grupp ta' sebgha, kienu miexjin 'l isfel fit-triq u kienu lahqu waslu sa aktar minn nofs it-triq meta min-naha t'isfel dahal karozzin fit-triq; dan kien misjuq mill-imputat. Johnson tghid li l-karozzin kien miexi b'certa velocita; hi u shabha nqasmu f'zewg gruppi u resqu mal-hajt ghaliex it-triq hija dejqa u m'hemmx bankina fiha. Johnson kompliet tirrakkonta li hekk kif ghadda minn hdejhom idejha inqabdet mal-karozzin u ngibdet mieghu. Ma waqatx ma'l-art ghax griet biex tlahhaq mal-karozzin sa' kemm inhallet idejha; shabha bdew jghajjtu biex jieqaf u eventwalment l-imputat waqaf u dar lura. Huwa offra ghajnuna u fil-fatt kien fuq insistenza tieghu li hija marret il-policlinic tar-Rabat, u kien l-istess imputat li wassalha; maghha mar ukoll wiehed minn shabha. Mill-policlinic tar-Rabat intbaghtet il-policlinic tal-Mosta u minn hemm l-isptar Mater Dei; irrizulta li Johnson kellha frattura f'idejha. Johnson ghamlet rapport mal-pulizija fit-18 ta' Awissu, cioe wara jumejn; hi spjegat li wara li tkellmet telefonikament mal-genituri taghha, u ai fini ta' assikurazzjoni, iddecidiet li jkun ahajr li taghmel rapport dwar l-akkadut. Hija qalet ukoll li ma tixtieqx li minhabba dawn il-proceduri l-imputat jitlef l-ghejxien tieghu imma xtaqet biss li jkun konsapevoli tal-perikolu meta jkun ghaddej minn toroq dojoq.

Illi xehed ukoll wiehed mill-hbieb ta' Johnson, Patrick Swaddle li bejn wiehed u iehor ta l-istess verzjoni li tat Johnson.

Illi fil-verita dawn il-fatti mhux kontestati mill-imputat. Filed-depozizzjoni tieghu huwa jammetti li kien tiela' minn dik it-triq b'certu velocita, hu jghid li kien tiella' maqra' rrankat[1] u li baqa ghaddej, fis-sens li ghalkemm rahom ma waqqafx jew naqqas fil-velocita[2]. Lanqas m'hu qed jikkontesta l-fatt li hu u tiela' gibed lil Johnson u li bhala rizultat hija wegghet idejha, hekk kif ma jikkontestax li l-incident sehh pjuttost fil-parti t'isfel tat-triq. L-imputat jghid ukoll li dik il-parti tant hi dejqa li meta jghaddi l-karozzin jibqa biss spazju ta' mhux aktar minn pied fuq kull naha. L-imputat zied li meta huwa wassal lil Johnson il-policlinic tar-Rabat huwa baqa' jistennieha biex iwassalha lura hdejn shabha pero wara hafna hin jistenna mar jistaqsi u sar jaf li hija kienet telqghet minn hemm[3]. Hadd ma kellmu fuq l-incident sa kemm eventwalment baghtu ghalih il-pulizija.

Illi jirrizulta li Triq San Pietru hija parti mir-rotta tal-karozzini kif approvata mill-Kunsill Lokali ta'l-Mdina kif ukoll minn Transport Malta.

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi akkuzat li saq il-karozzin b'velocita eccessiva, b'maniera traskurata u perikoluza, u li minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' hila f'l-arti jew il-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkawza griehi gravi fuq il-persuna ta' Jocelyne Johnson.

Illi dwar limiti ta' velocita l-gurisprudenza taghna hija kostanti u gie ribadiet diversi drabi li:

> *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[4].

Illi d-differenza bejn sewqan traskurat, negligenti u perikoluz hija ben stabbilita fis-sistema guridika taghna.

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta'*

---

[1] Hu jispjega ukoll li bil-fors irid jitla' irrankat minhabba li dik hija telgha.
[2] Fi kliemu: "dan huwa oggett li tielgha u trid tibqa, difficli dan. Li kieku jiena qaghdt nistennihom sa kemm joqghodu mal-hajt kien jista' li taghmel accident ikbar, jaqa z-ziemel…"
[3] Kif spjegat hi t-tabib offra li johodha hu stess sal-policlinic tal-Mosta ghalhekk hija marret mieghu.
[4] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

*esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita` ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel... ... Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' ... li giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye'... Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.*[5]

Illi fil-kaz in ezami jirrzulta li l-imputat kien qed isuq karozzin fi triq tant dejqa li skond ma jghid hu stess kull ma jibqa spazju mill-hajt huwa anqas minn pied kull naha. Aktar minn hekk din hija triq li m'ghandhiex bankina u ghalhekk l-unika haga li jistghu jaghmlu in-nies li jkunu ghaddejjin minnha huwa li jew joqghodu fuq it-targa ta' xi bieb altrimenti jersqu kemm jista' jkun mal-hajt. Jirrizulta ukoll li l-imputat kien qed isuq "rrankat" u ma waqafx jew almenu naqqas il-velocita meta ra lill-parte leza u lil shabha fit-triq, imma baqa' tiela. Huwa jghid li dan m'ghamlux ghaliex il-paviment jizloq u peress li huwa kien gej ghat-telgha beza' li z-ziemel jaqa' jekk iwaqqfu meta kien tiela' rrankat.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan it-tip ta' sewqan jaqa' f'definizzjoni ta' sewqan bla kont ghaliex l-imputat deliberatament ha riskju, li ma jistenniex lill-parte leza u lil shabha joqghodu mal-hajt, liema riskju ma kellux jiehdu minnhabba l-probabilita ta' hsara lil terzi, cioe li jolqot li xi wiehed minn

---

[5] Ref Pulizija vs Michael Grech deciza f'l-20 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta'l-Appel Krminali u l-gurisprudenza hemm kwotata.

dak il-grupp ta' zaghazgh peress li ma kienx tahom ic-cans li jersqu mal-hajt.

Illi aktar minn hekk u tenut kont il-wiesgha tat-triq u l-prezenza ta' pedestrians zgur li l-velocita l kien ghaddej biha l-imputat f'dawk ic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' offiza involontarja hemm bzonn

> *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) f'l-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il- konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[6]

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat kien qed isuq il-karozzin b'mod traskurat u bla kont u b'velocita eccessiva. Dan l-agir negligenti u traskurat volut tieghu kien segwiet b'ness ta' kawzalita minn akkadut dannuz, cioe il-feriment ta' Johnson li wassal ghal frattura f'idejha liema frattura taqa' taht definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe offiza gravi per durata.

Illi ghal kull buon fini il-Qorti tirrileva li fil-fehma taghha il-fatt li skond l-imputat ma setghax jaghmel mod iehor minhabba li huwa kien ghat-telgha u bil-fors ried jietla rrankat mhux skuza accettabli. Jirrizulta li l-imputat jahdem bil-karozzin l-Mdina regolarment u t-triq fejn sehh l-incident jafha sew. Persuna li tkun regolarment l-Mdina ghandha tkun taf ukoll li matul il-gurnata[7] ikun hemm hafna nies (inkluz hafna turisti) li jkunu qed iduru ma'l-Mdina ghalhekk l-imputat seta' facilment jipprevedi li fit-triq ser ikun

[6] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.
[7] Partikolarment il-Hadd fil-ghodu fis-sajf.

hemm nies ghaddejjin bir-rigel u li konsegwentement jista' jsib ruhu f'sitwazzjoni fejn ikollu jwaqqaf iz-ziemel minhabba l-wiesgha tat-triq. L-imputat qal fid-depozizzjoni tieghu li ma jezistix perikolu biex twaqqaf iz-ziemel meta jkun qieghed ghan-niezla ghalhekk seta' jaghzel rotta li kienet tiehdu fid-direzzjoni l-ohra, cioe li jinzel Triq San Pietru minflok jitla' minnha. Fi kwalunkwe kaz qatt ma messu baqa ghaddej b'l-istess velocita minghajr ma jaghti cans lin-nies biex jersqu fil-genb.

Illi in vista tas-suespost l-Qorti hija konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward ta'l-ewwel imputazzjoni qed jinstab hati biss ta' sewqan tarskurat u bla kont u mhux ta' sewqan perikoluz.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat u anke x-xewqa tal-parte leza li l-imputat ma jitlifx xogholu. Minkejja dan, f'kaz ta' sewqan bla kont is-sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu minimu ta' tlett xhur hija tassattiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' dik il-parti tat-tielet imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoku 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' hames mitt Euro (€500) u tiskwalifikah mill-licenzja ta' kuccier ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**